MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2005

Numru 268/2005

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR JOSRIC MIFSUD**

**VS**

**JOHN CURMI**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kotnra John Curmi, ta’ 46 sena, bin Paul u Doris nee’ Zarb, imwieled Valletta, nhar il-15 ta’ April, 1959, residenti fil-fond numru 13, St Sebastian Street, Valletta, u detentur tal-karta tal-identita’ numru 250559 (M)

U takkuzah talli nhar it-28 ta’ Marzu, 2005, gol-Ghassa tal-Pulizija, Belt Valletta, ghal habta tas-1500hrs ta’ wara nofsinhar ingurha jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-

persuna ta’ PS 325 Patrick Bonnici bhala ufficjal inkarigat skond il-Ligi minn servizz pubbliku waqt li jkunu jaghmlu jew minhabba li jkunu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghhom, jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-Ligi fl-esekuzzjoni ta’ dan is-servizz *ai termini* tal-Artikolu 95, tal-Kodici Kriminali Kap 9;

U aktar tali fl-istess post, data, u hin attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b’hebb ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra PS 325 Patrick Bonnici, bhala persuna nkarigata skond il-Ligi minn servizz pubbliku fil-waqt li agixxa ghal l-esekuzzjoni tal-Ligi jew ta’ ordni moghtija skond il-Ligi mill-awtorita’ kompetenti, *ai termini* tal-Arikolu 96, tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli fl-istess post, data, u hin kiser il-bon ordni u paci pubblika, b’ghajjat u storbju, kif ukoll dagha u kliem fahxi;

U aktar tali ma obdiex l-ordnijiet legittmi tal-awtorita’ jew ta’ wiehed li kien inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma halliehx jew fixklu waqt li kien jaghmel id-dmirijiet tieghu, jew b’xi mod iehor bla jedd, indahal fi dmiru, billi ma hallihx jaghmel dak li b’Ligi kien ordnat jew seta’ jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor kien jaghmel skond il-Ligi, jew b’xi mod iehor li kien.

Wara li rat l-Artikoli 95 u 96 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Wara li semghet l-ammissjoni bikrija tal-imputat;

Wara li din l-ammissjoni regghet giet ikkonfermata, wara li inghata z-zmien lill-imputat skond il-Ligi;

Din il-Qorti qieghda ssib lill-istess imputat hati, u tpoggih taht Ordni ta’ *Probation* ghal perjodu ta’ sena (1) mil-lum, *ai termini* tal-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------